**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 215/2022**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Roger Galea**

Illum, 06 ta' Jannar 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni dedotti kontra l-appellat, Roger Galea, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 869546(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fl-14 ta' Ottubru 2021, ġewwa l-Furjana, issoġġetta lil persuna oħra għal xi att jew imġieba li kellhom konotazzjonijiet sesswali, inkluzi kliem bil-fomm, mossi u/jew għemil, il-wiri jew iċ-ċirkolazzjoni ta' kliem miktuba, stampi, u/jew xi materjal ieħor, fejn dak l-att, kliem u/jew imġieba ma kienux mixtieqa mill-vittma u jkunu jistgħu raġonevolment jiġu kkunsidrati bħala offensivi, umiljanti, degradanti jew intimidatorji lejha.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-25 ta' April 2022, fejn il-Qorti, wara li rat l-artikolu 251A(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali, illiberat lil Roger Galea mill-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

Rat ir-rikors tal-Avukat Ġenerali, ipprezentat fis-17 ta' Mejju 2022, fejn talab lil din l-Qorti sabiex tirrevoka s-sentenza appellata u minflok issib lill-appellat ħati ta' l-imputazzjoni hekk kif dedotta fil-konfront tiegħu u tinfliġġi piena skont il-liġi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-Avukat Ġenerali jressaq aggravju wieħed marbut ma' l-interpretazzjoni ta' dritt mogħtija mill-Ewwel Qorti tar-reat imfassal fl-Artikolu 251A(1) tal-Kodiċi Kriminali. L-appellant Avukat Ġenerali jilmenta li r-reat addebitat lill-appellat, u ċioe' ir-reat ikkontemplat b'mod speċifiku fl-Artikolu 251A(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali, ma jirrikjedix li jkun hemm dak komunement imsejjaħ bħala "*a course of conduct*", izda jirrikjedi sempliċiment imġieba li kellha konnotazzjonijiet sesswali li ma kenitx mixtieqa mill-vittma, liema imġieba tista' tikkonsisti f'att wieħed u uniku. Dan ukoll għaliex, fil-fehma ta'l-Avukat Ġenerali, id-diċitura adoperata mill-leġislatur f'dan l-artikolu tal-liġi ma jikkontemplax bħala l-att materjali tiegħu dik il-kondotta fl-imġieba tal-awtur tar-reat mifrux fuq iktar minn att vjolattiv wieħed u ċioe' 'l hekk imsejjaħ "*course of conduct*".

Illi minn eżami tal-Atti Proċesswali jemerġi illi l-azzjoni kriminuża seħħet nhar l-14 ta' Ottubru 2021 filwaqt li l-parti offiża kienet qiegħda ġewwa ħanut tax-xorb ġewwa l-Furjana flimkien mas-sieħeb tagħha, meta allegatament l-appellat ipprova javviċinaha filwaqt li kienet mal-*bar* tordna l-kafe' u sussegwentement segwieha ġewwa il-kamra tal-banju meta kien ċert li ma kienx hemm nies oħra fil-madwar, u hekk kif il-parti offiża kienet ħierġa mill-kamra tal-banju iblokkalha il-passaġġ liberu tagħha, qabdilha idejha biex jiġbidha lejh u jipprova ibusha u dan għalkemm hija bdiet tipprotesta kontra din l-imġieba u titolbu biex jitlaqha.

Mix-xhieda tal-vittma AA, jirrizulta li meta hija daħlet ġewwa l-istabbiliment in kwistjoni sabiex tixtri kafe', l-appellat prova jaqbad magħha u beda jgħidilha kliem bħal "***hello, sabiħa, kif inti***". Dan il-kliem, speċjalment il-kelma "*sabiħa*" juri biċ-ċar li l-appellat kien qed jipprova jittanta lill-vittma u ma kienx sempliċiment qed jipprova jaqbad konverzazzjoni innoċenti magħha. Di fatti, hija ma ħassitha komda xejn b'dan l-aġir u xehdet – "***Jien għall-edukazzjoni biss għidtlu hello u njorajtu***". Wara li għamlet hekk, marret sal-kamra tal-banju u appena ħarġet mill-istess – "***... quddiem wiċċi insib lil dan ir-raġel li ma ħallinix noħroġ minn hemmhekk beda jaqbadli jdejja tal-left jiġbidili u jien bdejt ngħidlu jekk jogħġbok ħallini. Jiena ukoll bdejt ngħidlu ħallini tmisslix lanqas idejja, tinsix li hawn il-Covid, hu baqa' jinsisti l-ħin kollu jipprova jbusli idejja***". Tgħid li b'dan l-aġir tal-appellat hija kienet "***imwerwra***" u "***bezana ħafna***" u tali biza' tidher li baqgħet magħha anka wara dan l-episodju għaliex meta ġiet mitluba mill-Ewwel Qorti sabiex tiddentifika lill-appellat, il-kliem tagħha kien "***Ma nixtieqx inħares lejh imma jien u dieħla rajtu iva***".

L-Ewwel Qorti, fid-deċiżjoni tagħha kienet tal-fehma illi l-aġir tal-appellat fil-konfront tal-vittma meta hija ħarġet mill-kamra tal-banju kien meqjus bħala aġir b'konnotazzjoni sesswali, liema imġieba ma kenitx mixtieqa mill-vittma u wkoll li kien wieħed offensiv, umiljanti, degradanti u intimidatorju, madanakollu qieset li din l-imġieba kienet marbuta ma' okkażjoni waħda biss u għalhekk, b'referenza għal ġurisprudenza kopjuża dwar dak li jikkostitwixxi ir-reat tal-fastidju taħt l-artikolu 251A tal-Kodiċi Kriminali, kkonkludiet li l-elementi tar-reat ma jissussistux u għaldaqstant illiberat lill-appellat mill-akkuża dedotta kontrih.

Illi għalkemm ir-reat li bih l-appellat jinsab mixli jinsab imħaddan fl-artikolu 251A tal-Kodiċi Kriminali, u ċioe' ir-reat tal-fastidju, liema reat l-qrati tagħna kostantement interpretawh bħala tali li jirrikjedi imġieba mifruxa fuq għal ta'l-anqas żewġ okkażjonijiet, madanakollu ir-reat ikkontemplat fis-sub-inċiż (1)(e) ta' dan l-artikolu tal-liġi, kif ġustament jikkonkludi l-appellant Avukat Ġenerali, ma iħaddanx fih l-istess elementi li jiffurmaw ir-reati enkapsolati fis-sub-inċiżi (a) u (b) promulgati mat-twelid ta' dan ir-reat permezz ta'l-Att XX tal-2005 fejn l-att materjali tar-reat jikkonsisti fl-imġieba li timporta fastidju jew inkella kif jidher mit-test Ingliż meta l-awtur tar-

reat "*pursues a course of conduct which amounts to harassment*". Illi l-artikolu 251A tal-Kodiċi Kriminali ġie sostitwit permezz ta'l-Att XIII tal-2018 u ċioe' 'l-Att biex jipprovdi sabiex l-artikoli sostantivi tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika, isiru u jkunu eżegwibbli bħala parti mil-Liġijiet ta' Malta'. Dan l-Att kellu ukoll bħala l-għan tiegħu li jippromwovi u jipproteġi d-dritt ta' kulħadd, u partikolarment persuni f 'riskju li jiġu esposti għal vjolenza domestika li jgħixu ħajja ħielsa mill-vjolenza kemm fl-isfera pubblika kif ukoll dik privata. Din il-liġi il-ġdida ħasbet sabiex tipprovdi ukoll għal emendi konsegwenzjali f 'għadd ta' liġijiet varji, fosthom allura f' uħud mid-disposizzonijiet tal-Kodiċi Kriminali li jkopru ir-reati b'konnotazzjonijiet ta' natura sesswali. Fil-fatt fl-Iskeda għall-Att hemm riprodotta fl-intier tagħha il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika iffirmata ġewwa Istanbul, it-Turkija fil-11 ta' Mejju 2011, magħrufa komunement bħala il-Konvenzjoni ta' Istanbul, li ġiet minn Malta ratifikata f'Mejju tal-2014, bl-adeżjoni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropeja għal din il-Konvenzjoni iseħħ fid-09 ta' Ġunju 2017. Il-Konvenzjoni ta' Istanbul hija l-aktar trattat internazzjonali komprensiv dwar il-ġlieda kontra, u l-prevenzjoni, tal-vjolenza kontra in-nisa u vjolenza domestika, bit-Trattat jagħti is-segwenti definizzjoni tal-vjolenza kontra in-nisa:

> **""vjolenza fuq in-nisa" hija mifhuma bħala ksur tad-drittijiet tal-bniedem u forma ta' diskriminazzjoni kontra n-nisa u għandha tfisser kull att ta' vjolenza abbażi tas-sess li tirriżulta, jew li aktarx tirriżulta fi ħsara fiżika, sesswali, psikoloġika jew ekonomika jew tbatija għan-nisa, inkluż theddid ta' atti bħal dawn, sfurzar jew ċaħda arbitrarja tal-libertà, kemm jekk issir fil-pubbliku kif ukoll fil-ħajja privata."**

Illi fost ir-reati l-ġodda maħluqa wara r-ratifikazzjoni ta' din il-Konvenzjoni hemm dawk imħaddna fl-artikolu 251A(1)(ċ)(d) u (e) tal-Kodiċi Kriminali li jitkellmu dwar il-ħsara ta' natura sesswali perpetrata fuq il-vittma mill-awtur tar-reat. Illi minn qari tad-diċitura ta' dawn ir-reati l-ġodda, huwa evidenti li l-att vjolattiv tal-liġi ma għadux dak ta' imġieba devjanti mifruxa fuq iktar minn okkażjoni waħda, iżda jirriżulta ukoll meta ikun hemm att wieħed li jaqa' fid-definizzjoni ta' dawn is-sub-inċiżi ġodda għall-artikolu 251A. B'mod speċifiku is-sub-inċiż (1)(e) li jikkontempla ir-reat addebitat lill-

appellat jitkellem fuq "**<u>att u, jew imġiba li jkollhom konnotazzjonijiet sesswali",</u>** b'distinzjoni ċara bejn il-kelma "att" u "imġieba", bir-reat allura jissussisti anke meta ikun hemm att vjolattiv wieħed. Illi anke t-test Ingliż għall-liġi ma jirrendiex lill-awtur tar-reat ħati biss meta "(*he) pursues a course of conduct*" iżda meta "(*he) subjects another person to* **<u>*any act*</u>** *and, or conduct with sexual connotations*", b'distinzjoni hawnhekk ukoll bejn il-kelma "*act*" u "*conduct*".

Illi l-artikolu 40 tal-Konvenzjoni fil-fatt, meta jitkellem fuq il-fastidju sesswali, jimponi is-segwenti obbligu fuq il-firmatarji għat-Trattat:

> **"Il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri leġiżlattivi jew miżuri oħrajn neċessarji sabiex jiżguraw li kwalunkwe forma ta' mġiba verbali, mhux verbali jew fiżika mhux mixtieqa ta' natura sesswali bil-għan jew bl-effett li jmur kontra d-dinjità ta' persuna, b'mod partikolari meta jinħoloq ambjent intimidanti, ostili, degredanti, umiljanti jew offensiv, tkun soġġetta għal sanzjoni kriminali jew sanzjoni legali oħra."**

Issa l-Ewwel Qorti ġustament waslet għal konkluzjoni li l-imġieba tal-appellat kienet waħda b'konnotazzjonijiet sesswali, li ma kenitx mixtieqa u "***indubbjament wieħed ta' intimidazzjoni, degradanti u offensiv lejn il-vittma***." Illi allura abbażi ta' dawn il-konkluzjonijiet probatorji, l-Ewwel Qorti kellha tgħaddi sabiex issib il-ħtija fl-appellat għar-reat lilu addebitat billi l-elementi ta' dan ir-reat jikkonsistu mhux biss f'dik l-imġieba jew dik il-*course of conduct* meħtieġa biex jissussistu ir-reati imfassla fis-sub-inċiżi (1)(a) u (b) ta'l-artikolu 251A tal-Kodiċi Kriminali, iżda ukoll f'dak l-att wieħed u uniku li jkollu konnotazzjonijiet sesswali "**inklużi kliem bil-fomm, mossi u, jew għemil, ..... <u>fejn dak l-att,</u> kliem, u jew imġiba mhumiex mixtieqa mill-vittma, u jkunu jistgħu raġonevolemnt jiġu kkunsidrati bħala offensivi, umiljanti, degradanti, u, jew intimidatorji lejha."**

Illi allura l-Qorti ma tistax taqbel mal-interpretazzjoni mogħtija mill-Ewwel Qorti tar-reat addebitat lill-appellat u tqies illi mill-evidenza ikkumpilata fl-atti huwa indubitat illi l-appellat huwa ħati kif mixli.

**Għaldaqstant, għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell imressaq mill-Avukat Ġenerali, tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok,**

wara li rat l-Artikoli 251A(1)(e) u 251A(4) tal-Kodiċi Kriminali, issib lill-appellat Roger Galea ħati tal-imputazzjoni dedotta kontra tiegħu u tikkundanah għall-perijodu ta' priġunerija ta' sitt xhur, li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, dan it-terminu ta' priġunerija qed jiġi sospiż għall-perijodu ta' sentejn li jibdew jiddekorru mil-lum. Il-Qorti tordna ukoll il-ħruġ ta' Ordni ta' Trazzin fil-konfront tal-appellat Roger Galea favur AA, ai termini tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u dana għal zmien sena mid-data ta' din is-sentenza.

Il-Qorti twissi lil ħati bil-konsegwenzi skont il-liġi jekk huwa jikkometti reat ieħor matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza, jew jekk jikser l-Ordni tat-Trażżin imposta fuqu.

Edwina Grima
Imħallef